**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha l-1 ta' Ottubru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Mario Zammit**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Mario Zammit** ta' 34 sena, iben Sergio Zammit u Theresa nee' Abela imwieled gewwa Pieta nhar l-10 ta' Lulju 1986 u residenti gewwa Blk J Fl.5 Triq il-Gizimina Zabbar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0309586M;

Akkuzat talli nhar l-4 ta' April 2021 u fil-granet, gimghat u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet gewwa Zabbar u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differinet izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lil ommu u cioe Theresa Zammit li ghandha l-eta ta' 65 sena, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-

propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha, liema reat twettaq ripetutament;

2. Ikkaguna lil ommu u cioe Theresa Zammit li ghandha l-eta ta' 65 sena, fastidju meta gab ruhu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali;

3. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil ommu u cioe Theresa Zammit li ghandha l-eta ta' 65 sena, kontra l-volonta taghha;

4. Insulenta hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil ommu Theresa Zammit;

5. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien iprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Akkuzat ukoll talli nhar l-4 ta' April 2021 bejn 19:30hrs u 19:45hrs gewwa Zabbar:

6. M'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe PS2352 Valerie Rotin u PS131 Nathan Bugeja jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqgha taht l-ebda dispozizzjonijiet ohra tal-ligi.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Mario Zammit a beneficju ta' ommu Theresa Zammit u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija biex tipprovdi ghall-persuni ta' Theresa Zammut u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Mario Zammit b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi Mario Zammit sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**3.** Rat li fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2021, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti wissiet li l-piena massima ghal dawn l-imputazzjonijiet kienet ta' sitt snin prigunerija u multa fil-massimu ta' hmistax-il elf sitt mija u sitta u sittin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€15,666.87). Il-Qorti issospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

**4.** Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellhux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u wiegeb fl-affermattiv, u mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat wiegeb li qed jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

**5.** Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Glen Grixti u rat il-pre-sentencing report imhejji minnu.

**6.** Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**7.** Ghalkemm l-imputat ammetta li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2021, qabel l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu, il-parte civile Theresa Zammit iddikjarat li qed tahfer lill-imputat. Din il-mahfra tal-parte civile ghandha biss effett fuq ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, stante li dawn l-imputazzjonijiet jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza, izda m'ghandha l-ebda effett fuq il-bqija tal-imputazzjonijiet kontrih, stante li dawn huma prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*. Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-

raba’ u l-hames imputazzjonijiet, stante li l-parte civile irtirat il-kwerela permezz tal-mahfra taghha.

**8.** Fir-rigward tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li ma jistghax jinghad li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, stante li huwa irregistra l-ammissjoni tieghu meta l-Prosekuzzjoni kienet ressqet prattikament ix-xhieda taghha kollha, inkluz ommu, Theresa Zammit, li hi x-xhud principali.

**9.** Il-Qorti tistqarr li dan hu kaz preokkupanti. Mill-provi jirrizulta ampjament li l-imputat, li ghandu erba’ u tletin (34) sena) ilu bi problema ta’ tossikodipendenza ghal dawn l-ahhar kwazi ghoxrin (20) sena, partikolarment tal-eroina u tal-kokaina. Din id-dipendenza aggravat ruhha dawn l-ahhar sentejn, possibilment minhabba l-mewt ta’ missier l-imputat.

**10.** Kif jirrizulta mill-pre-sentencing report, ghalkemm l-imputat hadem f’diversi impjiegi, fil-maggoranza ta’ dawn l-impjiegi hu hadem ghal ftit gimghat jew granet, u f’zewg okkazjonijiet minnhom ghal ftit xhur. Ghalhekk l-imputat ma kienx qed jghix hajja produttiva u stabbli. L-imputat kien jghix ma ommu, Theresa Zammit, il-parte civile f’dawn il-proceduri.

**11.** Minhabba l-problema tieghu ta’ tossikodipendenza, huwa kien b’mod regolarissimu jitlob lil ommu, li bhala introjtu ghandha biss il-pensjoni tar-romol, ghal flus biex jiffinanzja l-vizzju tieghu. Meta ommu ma kienx ikollha flus, kien jirrabja, jibda jghid kliem hazin u jaqbad ikisser kull ma kien isib ghal idejh fid-dar. Mix-xhieda taghha jirrizulta li mhux l-ewwel darba li kienet qed tispicca lanqas ikollha flus biex tixtri l-oggetti essenzjali ta’ kuljum. Biss biss wara l-mewt ta’ missieru (li miet ftit iktar minn sentejn ilu), kienet tatu tmienja u ghoxrin elf Euro (€28,000), li kienet wirtet minghand omm ir-ragel taghha. Meta ommu kienet tghidlu li se ccempel lil hutu ghall-ghajnuna, kien johdilha l-mobile u c-cavetta sabiex ma tkunx tista’ tkellem lil hutu jew tmur ghandhom, u jheddidha li se tikkaguna glied u mewt jekk tugzah lil hutu.

**12.** Fix-xhieda taghha Theresa Zammit qalet, li minhabba l-hajja insapportabbli li kien qed jghaddiha minnha l-imputat, bejn Frar u Gunju 2020, hija marret tghix ghal xi xhur go shelter, u halliet lill-imputat jghix wahdu d-dar. Meta l-imputat spicca l-habs jiskonta piena ta’ prigunerija, hija irritornat lura d-dar, u sabet dizastru ghax l-imputat kien biegh jew kisser

l-affarijiet mobbli tad-dar. Hija xehdet ukoll li f'din il-kwistjoni ma issibx l-ghajnuna ta' hut l-imputat, li huma ikbar minnu u jghixu ghal rashom.

**13.** Fix-xhieda taghha Theresa Zammit tghid hekk *"... ... ghalkemm qatt ma refa' idejh fuqi, imma l-harsa ta' ghajnejh, kont ninduna x'irid jghid biha l-harsa ta' ghajnejh."*[1]

**14.** Theresa Zammit xehdet ukoll li wara li hareg mill-habs fi Frar 2021, wara li skonta piena ta' prigunerija, l-imputat rega' qabad il-vizzju tad-droga. Hija qalet ukoll li f'dawn l-ahhar sentejn hafritlu darbtejn biex tara jekk jirriformax ruhu u jaghmel programm, izda kien kollu ghalxejn. Kien ghalhekk li iddecidiet li taghmel dan ir-rapport lill-Pulizija.

**15.** Mill-*pre-sentencing report* jirrizulta li l-imputat ilu b'kuntatt mal-Caritas ghal kwazi ghoxrin sena. Matul is-snin huwa inghata anke tliet opportunitajiet biex isegwi l-programm residenzjali, izda huwa m'ghamilx uzu tajjeb minn dawn l-opportunitajiet u dan minhaba li f'kull *admission* li kellu, jigifieri f'Gunju 2007, f'Ottubru 2007 u f'Jannar 2008, huwa dejjem telaq wara tlett ijiem. L-ahhar kuntatt mal-Caritas sar f'Ottubru 2018 u ghalkemm kellu xi appuntamenti ohra skedati huwa qatt ma rega' attenda.

**16.** L-imputat kellu wkoll erba' kuntatti mas-Sedqa, u l-ewwel kuntatt kien f'April 2003. Pero dawn il-kuntatti kienu ghal perjodi qosra ta' ftit xhur.

**17.** L-imputat kellu tminn *admissions* gewwa l-Isptar Monte Carmeli fl-2013, fl-2019, hamsa fl-2020 u wahda fis-6 t'April 2021 (meta nbdew dawn il-proceduri). F'din l-ahhar admission huwa baqa' jinzamm gewwa l-Forensic Unit ghal madwar gimghatejn.

**18.** Matul l-intervisti, l-Probation Officer innota certu marki f'idejn l-imputat, u huwa spjega li meta ma kienx ikollu flus biex ipejjep il-kokaina huwa kien iweggha lilu nnifsu, tant li darba anke kellu jittiehed l-Isptar Mater Dei ghall-kura b'ambulanza.

**19.** Mill-fedina penali aggornata jirrizulta li l-imputat ghandu erba' kundanni minn dawn il-Qrati, tlieta dwar serq ikkwalifikat, u wahda ghal pussess semplici tad-droga kokaina. B'sentenza tal-2013 gie ikkundannat ghal 4 snin prigunerija u f'April 2020 gie ikkundannat

[1] Ara fol. 33 tal-process.

ghal erbatax-il xahar prigunerija. Dan ifisser li kif qalet ommu Theresa Zammit, appena skonta din l-ahhar piena ta' erbatax-il xahar prigunerija, l-imputat rega' lura ghal hajja ta' qabel u kkommetta r-reati li ammetta li hu hati taghhom.

**20.** Mir-rekords ta' imgieba gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi, jirrizulta li matul is-snin, l-imputat kellu sbatax (17)-il rapport ta' nuqqas ta' imgieba tajba. L-ahhar zewg rapporti ta' nuqqas ta' imgieba tajba kienu fil-31 ta' Dicembru 2020 u dawn kienu dwar li wera dizripett lejn ufficjal tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi, u li ma obdiex l-ordnijiet li nghatawlu. Rapporti ohra precedenti ta' nuqqas ta' imgieba tajba gewwa l-habs kienu dwar glied, li nstab fil-pussess ta' droga jew alcohol, li kellu fil-pussess tieghu oggetti li huma projbiti fil-habs u anke li ghamel hsara fil-propjeta tal-habs.

**21.** Il-psikologa gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi qalet lill-Ufficjal tal-Probation li f'sentenzi karcerarji ohra, l-imputat qatt wera impenn ghal ghajnuna psikologika, u ma baqax jattendi l-appuntamenti tieghu regolari.

**22.** Min-naha l-ohra l-Care Plan Co-Ordinator tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi qalet lill-Ufficcjal tal-Probation li f'sentenzi karcerarji ohra, l-imputat qatt ma wera interess li jindirizza d-diffikultajiet ta' vizzji li kellu, izda qalet li fl-ahhar kuntatti mieghu jidher li din is-sitwazzjoni inbidlet u qed tara certu motivazzjoni fih li qabel ma kinitx innutat.

**23.** L-Ufficjal tal-Probation qal li fil-prezent, l-imputat applika ghal programm residenzjali u jinsab fil-lista ta' stennija.

**24.** Fl-ahhar tar-rapport tieghu, l-Ufficjal tal-Probation issuggerixxa li l-imputat jinghata sentenza ta' habs sospiza fil-massimu taghha, liema sentenza ghandha tinkorpora fiha element ta' supervizjoni, sabiex l-imputat isegwi programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni mid-droga kif ukoll sabiex jinghata ghajnuna psikologika. Fin-nota ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom, l-Ufficjal Prosekutur u d-difiza qablu ma' dan is-suggeriment tal-Ufficjal tal-Probation.

**25.** Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna, li min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u tas-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi

bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtieg lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.[2] F'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti ghandha taghti l-harsien lill-pubbliku in generali u lill-ommu, il-vittma, u dan ghaliex jekk l-imputat ma ghandux verament interess johrog mill-vizzju tad-droga (u mill-provi migbura, hemm biss il-kelma tieghu li ghandu dan l-interess), tezisti l-biza reali ta' repetizzjoni tal-offizi u dan kif tixhed il-fedina penali tieghu, u kif xehdet ommu.

**26.** Din il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li huwa fl-interess tal-imputat stess, tal-parte civile u tas-socjeta in generali li l-imputat jaghmel programm ta' riabilitazzjoni kif ukoll jinghata kura psikologika. Pero tenut kont tal-anticedenti fuq citati tal-imputat, din il-Qorti mhix konvinta li tali sentenza kif suggerita mill-Ufficjali tal-Probation u mill-partijiet, ghandha fil-verita *a prospect of success* ghar-riforma tal-imputat. Dan ghaliex mill-provi jirrizulta ampjament illi jekk id-decizjoni li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni tithalla fil-gudizzju liberu ta' l-imputat, hemm riskju serju li huwa jibqa' xorta wahda jabbuza mid-droga. Jirrizulta illi din l-ghajnuna diga' tinghatatlu b'mod attiv u effettiv ghal snin twal minn barra l-konfini tal-habs u l-akkuzat ma bbenefika xejn minnha. Fil-fatt huwa beda programm residenzjali tlett darbiet, u kull darba telaq wara tlett ijiem. Din il-Qorti ma tahsibx li hi ko-incidenza li l-imputat beda dawn il-programmi residenzjali fis-snin 2007 u 2008, u l-fatt li f'dak il-perjodu l-imputat kellu pendenti kontrih kawza ghal pussess semplici tad-droga eroina fl-2006, u dan kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu.

**27.** Huwa vera li l-Ufficjal tal-Probation issuggerixxa li is-sentenza ta' prigunerija sospiza tkun abbinata ma' ordni ta' supervizjoni, pero wiehed irid izomm quddiem ghajnejn li ghal matul dawn il-kwazi ghoxrin sena, l-imputat qatt ma wera interess veru li jirriforma ruhu, lanqas meta giet offruta lilu l-ghajnuna fil-perjodi li ghamel il-habs, jiskonta piena karcerarji, wahda minnhom pjuttost fit-tul. L-imputat wera din ix-xewqa li jirriforma ruhu dawn l-ahhar ftit xhur, wara li xehdet ommu, il-vittma f'dawn il-proceduri, fis-seduta tal-21 ta' April 2021, u meta probbabilment irrealizza li jekk mhux ser jghin lilu innifsu, destin wiehed hemm lest ghalih. Il-Qorti tawgura li l-motivazzjoni ricenti tal-imputat li jirriforma ruhu hija wahda

[2] Ara **Il-Pulizija vs Stephen Cassar** deciza fis-6 ta' Mejju 2021 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) (*per* Imhallef Consuelo Scerri Herrera).

genwina, u mhux intiza biex troxx il-bzar f'ghajnejn din il-Qorti u timmottivaha li ma tatihx sentenza ta' prigunerija karcerarja effettiva.

**28.** Bir-rispett kollu dovut lejn l-Ufficjal tal-Probation, din il-Qorti ghandha biss il-kelma tal-imputat li jrid jirriforma ruhu li fid-dawl tal-fatti fuq elenkati, din il-Qorti ma tqisx li hi bizzejjed konvincenti biex tati lill-imputat affidament li mhux se jikser l-ordni ta' supervizjoni jew/il-kundizzjonijiet tas-sentenza sospiza proposti. Il-hajja tal-imputat ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena kif tirrizulta mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, ma thalli l-ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li l-imputat m'hux kapaci jibda u jsegwi l-programm ta' riabbilitazzjoni jekk m'hux f'ambjent konfinat u kontrollat, bhalma hija l-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

**29.** Jekk l-imputat verament ghandu r-rieda li jeghleb il-problema tad-droga li minnha huwa mahkum jista' jindirizzaha minn gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin li joffru dan is-servizz, u fil-fatt jirrizulta li diga inkiteb sabiex jiehu dan is-servizz. Jirrizulta wkoll li din il-Facilita toffri s-servizz ta' psikologu, pero l-imputat ghadu ma ghamilx uzu minn dan is-servizz. Jehtieg jekk verament l-imputat irid jindirizza il-vizzju tieghu ta' abbuz ta' droga li bl-ghajnuna tal-professjonisti li hemm gewwa l-habs isir pjan ta' kura bil-ghan li l-istess imputat jista' jikseb il-frott mixtieq minn kulhadd.

**30.** Ghalhekk din il-Qorti hija tal-opinjoni illi huwa biss jekk l-imputat ikun inkarcerat u mizmum ghalhekk taht supervizjoni kontinwa, li forsi jkun hemm cans ikbar li jindirizza il-problema li ghandu b'serjeta', u mhux kif kien qed jaghmel meta baqa' igawdi il-liberta'. Il-gustizzja restorattiva ma tfissirx biss illi persuna tinzamm 'il boghod mid-detenzjoni, ghaliex f'certu cirkostanzi d-detenzjoni tista' tissarraf f'riforma iktar milli piena ohra alternattiva ghaliha. Il-Qorti tispera li l-imputat jgharaf juzufruwixxi dan il-perjodu ta' inkarcerazzjoni sabiex jindirizza l-problema tieghu tad-droga, kif ukoll problemi psikologici ohra li ghandu.

**31.** F'dawn il-kunsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti ma nsietx il-fatt li fil-mori ta' dawn il-proceduri Theresa Zammit, il-vittma hafret lill-imputat.

**32.** Fl-ewwel xhieda taghha, fis-seduta tal-21 t'April 2021, meta Theresa Zammit giet mistoqsija mid-difiza x'tixtieq minghand it-tifel taghha hija wiegbet hekk:

*"Jiena nixtieq li ghandu jaghmel, li ghandu jaghmel … … jiena ghalissa m'inhix ha naccettah id-dar imma, ghalissa, ha nara kif se jerga' jigi u nara mbaghad 'il quddiem. Imma biex jigi d-dar irid jaqta' l-mistura u jrid jaghmel il-programm. Il-bqija ma naccettahx id-dar."*[3]

**33.** Fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2021, meta Theresa Zammit telghet tixhed li qed tahfer lit-tifel, id-difiza regghet staqsietha x'tixtieq li jigri mit-tifel taghha, u hija wiegbet hekk: *"Jien nixtieq li jkompli jrabbi l-ghaqal hux … … Heqq u naraw 'il quddiem imbaghad hux."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Ix-xhud qalet ukoll li bil-kliem *'irabbi l-ghaqal"* hija kienet qed tifhem li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni mid-droga, u li l-partner tat-tifel kienet qaltilha li inkiteb biex jaghmel programm mal-Agenzija Sedqa.[4]

**34.** Fir-rapport tieghu, l-Ufficjal tal-Probation jghid li Theresa Zammit *"qalet li wara snin tghix fis-sofferenza, ghamlet il-kuragg u irrappurtat lil binha u dan bil-ghan li huwa jirrealizza bl-izbalji tieghu u jiehu l-ghajnuna. L-omm qalet li binha ilu snin bil-vizzju tad-droga u tixtieq li jinghata l-opportunita biex isegwi programm residenzjali ta' riabilitazzjoni. Omm l-imputat hafret lil Mario."*[5]

**35.** Il-Qorti osservat li f'ebda stadju tat-tieni xhieda taghha jew fl-intervista mal-Ufficjal tal-Probation, il-vittma ma qalet li riedet li l-imputat jerga' jmur jghix lura maghha – u mill-atti ma jirrizultax li l-imputat ghandu akkomodazzjoni alternattiva. Anke wara li hafret lill-imputat, il-posizzjoni tal-vittma baqghet dik li kienet mill-bidu nett, li l-imputat jaghmel programm ta' riabilitazzjoni, u mbaghad wara *"tara"*.

**36.** Pero irrispettivament mix-xewqat tal-vittma, dan hu kaz ta' vjolenza domestika kontinwa ta' ragel fuq ommu, mara anzjana, konsistenti fi vjolenza psikologika u abbuzi verbali, kif ukoll sekwestru tal-persuna ta' ommu. Dawn huma reati serji u pre-okkupanti hafna. Huwa fatt maghruf li l-vjolenza domestika tikkawza hafna sofferenzi lill-persuni vulnerabbli, li jsibuha difficli ferm li jirrapportaw lill-aggressur lill-forzi tal-ordni – aktar u aktar meta hawn qed nitkellmu fuq rapport ta' omm fuq binha. Fis-sentenza **Opuz vs Turkey** deciza fid-9 ta' Gunju 2009, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet hekk:

---

[3] Ara fol. 35 tal-process.
[4] Ara fol. 49 tal-process.
[5] Ara fol. 69 tal-process.

*"1. As regards the Government's argument that any further interference by the national authorities would have amounted to a breach of the victims' rights under Article 8 of the Convention, the Court notes its ruling in a similar case of domestic violence (see Bevacqua and S. v. Bulgaria, no. 71127/01, § 83, 12 June 2008), where it held that the authorities' view that no assistance was required as the dispute concerned a "private matter" was incompatible with their positive obligations to secure the enjoyment of the applicants' rights. Moreover, the Court reiterates that, in some instances, the national authorities' interference with the private or family life of the individuals might be necessary in order to protect the health and rights of others or to prevent commission of criminal acts (see K.A. and A.D. v. Belgium, nos. 42758/98 and 45558/99, § 81, 17 February 2005). The seriousness of the risk to the applicant's mother rendered such intervention by the authorities necessary in the present case."*

**37.** Ghaldaqstant, huwa d-dover ta' dina l-Qorti, li minkejja li l-vittma ghazlet li tahfer lil binha, hija tiehu in konsiderazzjoni wkoll is-sahha u s-sigurta taghha, kif ukoll tindaga l-motivazzjoni tal-mahfra taghha. Mix-xhieda mhux kontestata taghha jirrizulta li hija diga hafret lill-imputat darbtejn ghaliex wieghda li se jirriforma ruhu, u dan nonostante wara li hareg mill-habs rega' mar lura minn kelmtu, u rega' lura ghal hajja tossikodipendenti tieghu, u atti ta' vjolenza domestika fuqha. Kif diga inghad iktar il-fuq, din il-Qorti – bhal vittma - m'ghandha xejn hlief il-kelma tal-imputat li hu bi hsiebu jirriforma ruhu. Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, din il-wieghda biss certament mhix bizzejjed biex din il-Qorti ittiha affidament. Inoltre, kif jirrizulta mill-provi, l-imputat ma kellux ezitazzjoni li, ghal numru konsiderevoli ta' drabi, addirittura jikser ir-regoli tal-habs u l-ordnijiet tal-ufficjali tal-habs, fejn kien jinsab detenut. Ghalhekk, certament hemm riskju serju li jekk l-imputat ma jzommx il-wieghda tieghu, l-omm terga' tisfa l-vittma ta' vjolenza domestika, kif gara fil-passat. Fil-fatt dan hu l-biza' tal-omm ukoll, ghaliex minkejja li bil-qalb tajba taghha ta' omm, hafret lil binha, il-mahfra hija kondizzjonata li jaghmel programm ta' ri-abbilitazzjoni, u l-omm ma uriet imkien x-xewqa taghha li binha jerga' jigi jghix maghha, qabel jaghmel dan il-programm.

**38.** Dan ikompli jsahhah l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-unika mod li bih l-imputat jista' jirriforma ruhu huwa billi jsegwi programm ta' riabilitazzjoni u jkolli assistenza psikologika fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Ghalkemm il-Qorti hija tal-opinjoni li jkun opportun li apparti l-piena ta' karcerarja, tohrog ukoll Ordni ta' Trattament, pero in vista tal-fatt li l-

imputat m'ghandhux mezzi finanzjarji biex ihallas lill-espert – fil-fatt matul dawn il-proceduri kien assistit minn avukat tal-ghajnuna legali - ma tistax taghmel dan.

**Konkluzjoni**

**39.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, stante li l-parti offiza hafret lill-imputat pendenti dawn il-proceduri;

2. Wara li rat l-Artikoli 18, 251B, 251A, 251H(a)(b), 251HA, 221(a), 86, 87(1)(e)(h) u 338(ee) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tletin (30) xahar – li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

3. Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Theresa Zammit, qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tiegħu innfisu taħt penali ta' elf Euro (€1000) għall-perjodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri minn dak inhar li huwa jiskonta l-piena karċerjarja hawn imposta fuqu u jiġi rilaxxat b'mod definittiv mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. L-obbligazzjoni fil-konfront tal-hati qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex tattiralu l-attenzjoni ghal problema akuta ta' tossikodipendenza tal-hati u l-bzonn li jinghata t-trattament mehtieg sabiex jindirizza din il-problema u problemi ohra ta' natura psikologika li ghandu.

Il-Qorti tordna li l-atti ta’ din il-kawza flimkien ma’ kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien moghti skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**